**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 1698/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Elkekli Mohamed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Elkekli Mohamed** ta' erbgħin (40) sena, bin Abdel Munem u Magda kunjoma xebba' Busniena, imwieled il-Libja, nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Robert Court, penthouse numru tnejn u għoxrin (22), Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' numru ta' dokument Malti 122251A;

Nakkużah talli nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u anka matul il-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer;

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet **f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

2. Kellu fil-pussess tiegħu 'droga' u/jew 'sustanza psikoattiva ġdida' hekk kif definita fl-Artikolu 118A (1) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta w dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta **f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinux għall-użu esklussiv tiegħu**;

3. Talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. Nadia H. Vella LL.D nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

4. Talli irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

F'każ ta' ħtija il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Qieset in oltre illi l-prosekuzzjoni iddikjarat illi l-imputat għandu jibbenefika bit-tnaqqis fil-piena bi grad, skont l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fid-dawl tal-kooperazzjoni tiegħu mal-Pulizija Eżekuttiva fit-termini tal-imsemmi artikolu.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 118A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Leġislazzjoni Sussidjarja 31.18 u l-Artikoli 17, 28A, 28B, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Elkekli Mohamed** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda :-

A. fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni tikkundannah għall-piena ta' **tmien (8) xhur priġunerija effettiva,** flimkien ma multa ta' ħames mitt ewro (**€ 500)**; u
B. fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, tordna li s-sentenza ta' sena priġunerija sospiża għal perjodu ta' sentejn, li ġiet imposta fuq l-imputat permezz tas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sherona Buhagiar) vs. Mohamed Elkekli deċiża minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Nadia H. Vella, nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) **għandha tibda sseħħ**, **u b'hekk l-imputat għandu jiskonta t-terminu ta' sena priġunerija;**

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa ta' ħames mitt ewro (Eur 500) tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). F'każ li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien ħdax (11)-il xahar mid-data li huwa jiskonta s-sentenza ta' priġunerija mposta fuqu f'dawn il-proċeduri, bl-ewwel pagament ikun dovut fi żmien xahar minn meta huwa jiskonta s-sentenza ta' priġunerija, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tordna d-distruzzjoni tas-sustanzi esebiti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara